MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Avviz Numru. 70/2011

**Alberta Fire and Security Equipment Limited (C 6606)**

**vs**

**Geomike Limited (C 8820) u John Cauchi**
**li gie kjamat in kawza b'digriet tat-23 ta' Mejju 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat nhar it-8 ta' Marzu 2011 fir-registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hdax-il elf, hames mija u tlieta u erbghin ewro u wiehed u disghin centesmu (€11,543.91) rapprezentanti din is-somma bilanc tal-prezz dovut ghal materjal u servizzi ikkunsijati installati u rezi lis-socjeta' konvenuta minnha fuq inkarigu taghha stess.

Illi nonostante diversi nterpellazzjonijiet is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u dan kollu wara ittra ufficjali intavolata minnha ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li dwarha saret risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta Geomike Limited li giet prezentata fit-18 ta’ Mejju 2012 fejn eccepiet:

*1. “Illi preliminarjament, l-esponent socjeta’ intimata ma hix l-legittimu kontradittur tar-rikorrent stante li hija fl-ebda hin u waqt ma dahlet f’xi trattativi mas-socjeta’ rikorrenti u fl-ebda hin ma awtorizzat lil xi impjegat minn taghha sabiex jidhol f’xi trattattivi mal-istess socjeta’ rikorrenti u dan kif jigi pruvat f’aktar dettall waqt it-trattazzjoni tal-kaz.*
*2. Illi fil-mertu, t-talba attrici ghandha tigi michuda u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ rikorrenti peress li s-socjeta’ ecipjenti qatt ma ordnat ix-xogholijiet imsemmija fl-att tar-rikors.*

*Salv eccezzjonijiet ohra u kull azzjoni ohra li tista tispetta lis-socjeta’ ecipjenti kontra l-istess John Cauchi.”*

Rat il-b’digriet moghti seduta stante nhar it-23 ta’ Mejju 2013 gie kjamat in kawza John Cauchi.

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza John Cauchi li giet ipprezentata fit-12 ta’ Gunju 2012 fejn eccepixxa:

*1. “Illi l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici stante li, kwalsiasi xogholijiet maghmula mis-socjeta’ attrici saru fuq struzzjonijiet, inkarigu u a beneficcju tal-kumpanija konvenuta Geomike Limited, liema kumpanija hija fil-fatt il-proprjetarja tal-fond “Cote D’Azur Restaurant” in konnessjoni ma’ liema fond appuntu saru x-xogholijiet esegwiti mill-istess socjeta’ attrici.*

*2. Illi l-eccipjent mhux debitur tas-socjeta’ attrici ta’ l-ammont pretiz permezz tal-proceduri odjerni u kwalsijasi ammont huwa semmai dovut mill-kumpanija konvenuta Geomike Limited.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz"*

Rat in-nota tas-socjeta'attrici pprezentata seduta stante nhar l-4 ta' Lulju 2012 li permezz taghha pprezentat tliet affidavits.

Rat l-affidavit ta' **Clyde Cauchi** fejn iddikjara li huwa jahdem bhala *sales representative* mas-socjeta' attrici u kien involut fil-bejgh ta' apparat lis-socjeta' Geomike Limited sabiex jigu nstallati fil-fond Cote D'Azur, restaurant f'Marsascala li huwa proprjeta' tal-istess kumpanija.

Huwa stqarr illi John Cauchi avvicina lis-socjeta' attrici ghan-nom ta' Geomike Limited u hu tkellem mieghu u mar mieghu fuq il-post biex jara x'kellu bzonn ezattament. John Cauchi kellu c-cwievet u access ghar-restaurant kollu u kien responsabbli ghar-restawr tar-restaurant li dak iz-zmien kien ghadu gebel u saqaf. John Cauchi qallu li xtaqu CCTV, Fire Alarm, intruder alarm, time and attendance system u nurse call system. Dan huwa taghmir li tipprovdih is-socjeta' attrici u ghalhekk ghamel *quote* li giet accettata. Sussegwentament thejjiet il-*job card* li giet annessa mal-affidavit bhala Dok. CC001 (fol. 36). Din il-*job card* saret ghan-nom tas-socjeta' Geomike Limited u giet iffirmata minn John Cauchi.

Huwa spjega li Geomike Limited hallset id-depozitu akkont tal-ammont miftiehem u x-xoghol ta' nstallazjoni beda fit-2 ta' Gunju 2009. Ghalkemm John Cauchi ffirma l-job card, George Cauchi kien isegwi x-xogholijiet u ffirma xi time-sheets u checklists relatati max-xogholijiet. Dawn huma annessi bhala Dok. CC002-CC004. Dok CC004 huwa ffirmat minn George Cauchi.

Ix-xhud qal illi wara li jkun sar il-bejgh huwa ma jsegwix l-installazjoni b'mod dirett billi din issir minn sezzjoni ohra tal-kumpanija. Pero' huwa jibqa' responsabbli ghall-klijent, partikolarment jekk iqumu xi problemi. F'dan il-kaz kien inqala' xi dizgwit bejn l-ahwa Cauchi u John ma baqax involut u George ma riedx ihallas ta' l-apparat. Huwa mar

kellmu fuq il-post biex jaslu ghal xi ftehim izda baqa' jinsisti li ma riedx ihallas. F'dan l-istadju wiegbu, minghajr pregudizzju ghall-hlasijiet dovuti, li jekk m'ghadux interessat fl-apparat installat, kellu jhallihom inehhu dan l-apparat. Dan qallu li kellu jiehu parir u kien se jkellmu l-ghada. Ghaddew ftit granet u baqa' ma kellmux. Ix-xhud rega' kkomunika mieghu u ha twegiba li fuq parir legali ma kienx ser ihallihom jiehdu l-apparat lura, minkejja li Geomike Limited hallset biss depozitu.

Huwa stqarr li sal-gurnata tal-lum l-apparat ghadu nstallat fir-restaurant u qatt ma tnehha jew kien hemm xi lment dwar il-kwalita' tieghu.

Huwa ghamel referenza ghall-email annessa mal-affidavit bhala Dok. CC005 li George Cauchi kien accetta li parti mill-bilanc dovut kellu jithallas permezz ta' vouchers, liema vouchers inghataw lill-kumpanija attrici fejn issarfu debitament fir-restaurant proprjeta' ta' Geomike Limited fil-forma ta' ikliet u servizzi ghall-impjegati tal-kumpanija attrici.

Rat l-affidavit ta' **Cedric Caruana** fejn iddikjara li huwa jahdem fis-sezzjoni tal-accounts tas-socjeta' attrici. Huwa kkonferma li s-socjeta' konvenuta ghamlet hlas fil-forma ta' depozitu ta' €2,281.92 fuq l-ammont komplessiv ta' €13,825.73 dovut in konnessjoni ma' l-installazjoni ta' apparat mis-socjeta' attrici f'restaurant f'Marsascala li huwa proprjeta' ta' Geomike Limited. Huwa tenna li kieku ma thallasx id-depozitu, ix-xogholijiet ma kienux jibdew.

Huwa annetta kopja tar-ricevuta mahruga (Dok CC006) mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' dan il-hlas u kkonferma li l-bilanc ghadu dovut. Huwa annetta wkoll kopja tal-invoices mahruga lil Geomike Limited.

Huwa qal li nghataw xi vouchers ghall-ikel fir-restaurant riferit lis-socjeta' attrici, liema vouchers issarfu bl-intendiment illi kellhom jitqiesu bhala hlas parzjali ghall-ammont dovut.

Rat l-affidavit ta' **Jean Pierre Borg** fejn iddikjara li huwa jahdem fis-sezzjoni teknika tas-socjeta' attrici u kkonferma li nstalla CCTV, Fire Alarm, intruder alarm, time & attendance system u nurse call system fir-restaurant Cote D'Azur f'Marsascala. Huwa qal li dan l-apparat kien jahdem tajjeb u qatt ma ta nkwiet u qatt ma nghataw struzzjonijiet sabiex inehhuh minn fejn qieghed.

**John Cauchi** xehed nhar id-19 ta' Settembru 2012 fejn iddikjara illi huwa ghandhu nofs l-ishma tas-socjeta' Geomike Limited u n-nofs l-iehor japparteni lil huh il-konvenut, George Cauchi. Pero' zied jghid li fix-xoghol ta' renovar li sar fil-Cote d'Azur, Restaurant, kien huwa li ha hsieb dawn ix-xogholijiet partikulari. Fil-fatt kienu qabbdu lis-socjeta' attrici sabiex taghmel sistema tal-*fire alarm*, *burglar alarm* u xi *toilets* ghal nies li kellhom dizabilta'. Ikkonferma li fil-fatt kien ftiehem ma' huh George Cauchi sabiex iqabbdu lis-socjeta' attrici. Iddikjara li fil-fatt huh kien jaf u qallu sabiex jiehu hsieb kollox hu. Effettivament ir-rapprezentanti tal-Alberta kienu marru *on site*. Huh kien iltaqgha maghhom. Qal li huh kien involut sabiex jghaddi il-pjanti lis-socjeta' attrici sabiex jaraw fejn kienu ser jigu il-*points* in kwistjoni u meta kien ikun hemm l-inginjieri u l-installers tal-Alberta kienu ikunu it-tnejn prezenti, kemm hu kif ukoll huh George. Mistoqsi jekk ix-xogholijiet sarux kollha, wiegeb li saru. Fil-fehma tieghu, George Cauchi kien sodisfatt. Mistoqsi jekk sarux xi pagamenti, qal li saru. Iddikjara li fil-bidu kien hemm deposit, li kien mahrug mis-socjeta' Geomike Limited, pero' tenna li jaf li kien ghad fadal bilanc. Meta muri d-dokument CC001 esebit fl-atti a fol 36, id-dokument CC002 a fol 37, u dokument CC003 a fol 38, x-xhud tenna li fuq dawn id-dokumenti hemm il-firma tieghu. Id-dokument CC004 a fol 43 hija iffirmata minn huh George u fil-fatt din hija it-*time sheet* liema firma hija f'kull pagna ta' dak id-dokument. Hemm ukoll il-firma tieghu fuq kull pagna tad-dokument *fire detection device checklist*, u fid-dokument esebit fl-atti a fol 47, *variation addition list* hemm ukoll il-firma tieghu. U dawn huma iz-zidiet li saru waqt il-process ta' installazzjoni u li kemm ukoll xi affarijiet li kemm hu kif ukoll huh riedu.

Iddikjara li hemm xi vouchers esebiti fl-atti anessi mal-affidavit ta’ Cedric Caruana u gharaf il-firma ta’ huh George fuq dawn il-vouchers. Tenna li in segwitu huwa gie imkecci mill-hanut, u ma ghandux aktar kuntatt mas-socjeta’. Fil-fatt dwar dawn il-vouchers li hemm esebiti fl-atti huwa ma jaf xejn dwarhom.

In kontro-ezami qal li huwa minnu li s-shares tal-kumpanija Geomike huma registrati f-isem huh George. U fil-fatt hemm kawza pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili sabiex nofs l-ishma ta’ din is-socjeta’ jigu trasferiti fuqu. Huwa minnu li d-Direttur ta’ din il-kumpanija huwa huh George, anke fiz-zmien meta saru ix-xogholijiet in kwistjoni. Huwa minnu li huh kien inkarigah sabiex jaghmel renovation tar-restaurant. Huwa minnu ukoll li l-kumpanija Geomike Limited kienet hadet xi loan mil-bank sabiex taghmel tajjeb ghal dawn ir-renovations, u hu u huh kienu ghamlu tajjeb ghal din il-loan.

Rat l-affidavit ta’ **George sive Gino Cauchi** li gie pprezentat fit-13 ta’ Frar 2013 fejn iddikjara li huwa ghandu kumpanija bl-isem ta’ Geomike Ltd li hija s-sid tal-fond maghruf bhala Cote D’Azur, fi Triq Sant’Antnin, Marsaskala. Huwa jiggestixxi dan il-fond li huwa licenzjat bhala bar u restorant flimkien ma’ xi haddiema. Dan il-fond kien waqaf jopera fis-sena 2000 biss pero’ fis-sena 2007 huwa ddecieda li jaghmel rinovazzjoni tieghu. Ix-xhud kien ftiehem ma’ huh John Cauchi li wera x-xewqa li jinvesti fin-negozju u eventwalment jidhol partner mieghu. Peress illi dak iz-zmien ix-xhud kien impjegat full-time, huwa ma setghax jiehu hsieb tar-refurbishment u ghalhekk halla f’idejn huh John. Ix-xhud iddikjara li sal-lum il-gurnata huh ma ha l-ebda investiment lejn is-socjeta’ Geomike pero’ baqa’ jwieghed li ha jgib xi flejjes li allegatament kellu barra minn Malta.

Ix-xhud tenna li peress li dan l-investiment ta’ huh baqa’ ma wasalx, huh mar u gabar diversi kwotazzjonijiet minghand diversi kumpaniji u saret dokumentazzjoni shiha mal-bank biex ittiehdet loan fuq dan l-istabbiliment u John qaghad bhala garanti. Il-flus ivvotati ghar-refurbishment jammontaw ghal €7,652.27 (Dok. A) skond

l-istima tal-bank u kienu ghal CCTV, Burglar Alarm u Fire Alarm. Ix-xoghol beda u huh John mar ghand l-Alberta fejn dahal fi ftehim maghhom, liema ftehim ix-xhud ma kienx involut fih. Meta x-xoghol kien lest u huwa beda jopera, cemplitlu s-socjeta' attrici u qaltlu li kien hemm kont pendenti. Huwa ma kienx jaf b'dan il-kont ghax sa fejn kien jaf hu kollox kien imhallas.

Huwa stqarr li s-socjeta' attrici bdiet iccempillu minhabba dan il-kont u sussegwentement sab illi kienet bdiet din il-kawza. Huwa ftiehem maghhom fuq parir legali biex jaghmel vouchers sabiex jithallsu tax-xoghol li ghamlu ghax kienu qed jheddu li jaqilghu kollox. Pero' l-ftehim dwar l-ammont dovut ma ntlahaqx ghax huwa ma setghax jivverifika x-xoghol kollu li kien sar. Lanqas ma sar ftehim dwar apparat li issuplixxew li ghadu mhux installat. Ix-xhud sostna li huwa m'ghandux kontroll tas-sistemi minnhom installati billi dawn ghaddewh lil John Cauchi (token).

Huwa kompla jispjega li l-Bank kien awtorizza self ta' tliet mija u sebghin elf ewro (€370,000) sabiex isiru x-xoghlijiet kif spjegat fis-sottomissjonijiet li ghamlu fit-talba tal-bank. Pero' John nefaq aktar minn hames mitt elf ewro (€500,000) dejjem bil-promessa li ser igib il-fondi. Huwa sostna li qatt m'awtorizza spejjez li jeccedu s-self li hadu u filfatt qal lil huh kemm-il darba biex jieqaf. Huh John kien jaf sew x'kien il-ftehim u l-ispejjez li kellhom peress li kien hu li hajjru biex jaghmel refurbishment u biex jiehu s-self mill-bank. Fil-bidu kellu jkun John li jinvesti direttament izda peress li ma wasslux il-flus, x-xhud ha s-self mill-bank. Il-process kollu tas-self kien mexxieh John u kien tnizzel bhala garanti ghax kien dejjem jghid li se jgib il-flus minn barra minn Malta.

Ix-xhud iddikjara li huwa qal dan ghax John Cauchi f'diversi xhieda qal li huwa kien partner, shareholder u anke direttur tas-socjeta' Geomike, meta minn dan ma kien hemm xejn billi huwa qatt ma wasal biex jinvesti direttament fis-socjeta' kif kien wieghed. Huwa sostna li s-socjeta' Geomike qatt ma awtorizzat b'xi mod lil John

Cauchi jidhol ghal spejjez aktar milli kien hemm awtorizzati fil-ftehim ta' self mal-bank.

Huwa ddikjara li kien wara li x-xoghol kien lest u talbu l-hlas li saru jafu li l-post ma kienx ta' John Cauchi izda tas-socjeta' Geomike, u li l-istess John Cauchi ma kienx qallhom il-verita'u li ma setghax jidher ghas-socjeta' ghax ma kellhux kariga. Ix-xhud stqarr li din ma kinitx l-unika socjeta' jew persuna li giet ingannata minn John Cauchi u issa qed jitfa' r-responsabilita' ta' kollox fuq is-socjeta' Geomike.

Ix-xhud tenna li din is-sitwazzjoni tant hija kif qed jghid hu, li John Cauchi intavola kawza kontra s-socjeta' Geomike ghax allega li kien hemm ftehim fuq share transfer. Is-socjeta' Geomike qieghda tirrespingi dawn it-talbiet kif ukoll li thallas l-ispejjez ghal xoghlijiet mhux awtorizzati li m'humiex parti mis-sottomissjonijiet li saru lill-Bank.

Id-dokumenti ffirmati mix-xhud li jidhru fl-affidavit ta' Clyde Cauchi (Dok CC004) saru wara li r-restorant kien effettivament beda jopera (u cioe' f'Dicembru, 2009) u jirreferu biss ghal dak li sab fil-post u ma hemm l-ebda valur relattiv hlief ghal fire extinguishers. Huwa sostna li mid-dokument CC001 jidher li fih zieda ta' dettalji li ma kinux parti mill-ftehim originali bhal ezempju l-kelma Geomike u n-numru tat-telefon cellulari tax-xhud. F'Dok CC002 tidher il-firma tieghu pero' hija relattiva biss ghal provista ta' cable u jekk wiehed jara l-kont relattiv huwa limitat ghal €507.98 u dan id-dokument ghandu d-data tas-17 ta' Novembru 2009 meta x-xoghol tista' tghid kien lest.

F'dan il-kaz is-socjeta' Geomike wkoll irrispingiet it-talbiet ghax l-ordni u l-valuri saru minn John Cauchi f'ismu. L-istess invoices ma jaghmlux sens meta mqabbla max-xoghol li effettivament sar u filfatt m'hemmx *breakdown* tax-xoghol li allegatament sar. Huwa rrispinga t-talbiet ghal hlas in vista tal-materjal mhux utilizzat u l-installazzjonijiet li sa issa ghalkemm installati ghad ma ghandux il-kontroll effettiv taghhom.

**Romwald Attard** ghan-nom u rapprezentanza tal-Bank of Valletta xehed fl-10 ta' April 2013 fejn wara li ra bank draft esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala dokument A, a fol 90 tal-process, iddikjara li l-*beneficiary amount* huwa €2,281.82 u dan hareg favur is-socjeta' Alberta Fire & Security Equipment minghand is-socjeta' Geomike Limited. Huwa spjega li dan il-kont hareg mill-fondi tal-kont 40017735137 f'isem Geomike Limited. Mistoqsi lil minn jghajjat il-kont bankarju 40017735108 wiegeb li dan jghajjat lil Geomike Limited ukoll kumpanija registrata bin-numru C8820. Mistoqsi jekk il-bank draft esebit fl-atti giex imsarraf qal li dan kien gie depozitat. Huwa tenna li dan il-bank draft gie kreditat fil-kont tal-Albert Fire and Security Equipment numru 13400234010. Ix-xhud esebixxa kopja ta' dan l-image li l-Qorti immarkat bhala dokument Z.

Semghet lil **George Cauchi** jixhed u dan fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa minnu li Restaurant Cote D'Azzur huwa gestit mis-socjeta Geomike Limited. Huwa jokkupa l-kariga ta' direttur ta' din is-socjeta. Spjega li l-apparat li nstallat is-socjeta' Alberta Fire and Security Equipment Limited huwa mwahhal fil-post u jintuza. Qal li huwa minnu li socjeta' attrici talbitu biex tiehu lura l-apparat li kienet installat. Pero' fuq parir legali l-avukat qallu biex ma nmis xejn. Pero' spjega li ghalkemm huwa nstallat huwa ma setghax jaghmel uzu minnu ghax dak jintuza permezz ta' main key speci ta' token u huwa ma ghandux din it-token. Mistoqsi x'hini main token qal li din hija token personalizata li permezz taghha tigi operata is-sistema.

Huwa minnu li meta huwa kien jahdem ma' Splash and Fun, John Cauchi kien qed jiehu hsieb ir-refurbishment tar-Restaurant u qal li iva kien jaf x'kien ghaddej ghalkemm mhux bil-kunsens kollu tieghu. Huwa spicca minn Splash and Fun f'Settembru 2009 u meta spicca mix-xoghol kien imur kuljum fuq il-post Cote d'Azzur u qal li fil-finali tax-xoghol li kien qed isir mis-socjeta' attrici huwa kien ikun presenti, ghalkemm il-wiring kien diga' sar qabel. Huwa minnu wkoll li huwa qatt ma waqqaf lis-socjeta attrici mix-xogholijiet u dan peress li John kien bil-weghda li kien ser igib il-flus minn barra. Zied jghid li l-

kumpanija kellha xi flejjes available mill-bank abbazi ta' sanction letter u fosthom kien hemm il-flus fis-somma ta' €5,500 ghal installazzjoni ta' CCTV u Burglar Alarm u cioe' dak ix-xogholijiet li ghamlet is-socjeta' attrici u din is-saction letter harget abazi ta' quotation moghtija lil bank qabel. Tenna li l-flus li l-bank hareg biex inxtraw is-CCTV u l-Burglar Alarm intefqu fuq affarijiet li ma kienux ippjanati. Spjega li fuq il-Burglar Alarm intefaq somma hafna izghar, deposit biss, jekk mhux sejjer zball ta' xi €2000. Effettivament il-quote saret qabel ma bdew ix-xogholijiet u man mano li kien qed isir ix-xoghol. Ix-xogholijiet li zdidu, zdidu minn John. Huwa fl-ebda hin ma waqqaf lil Alberta mix-xoghol taghha.

Ix-xoghol in kwistjoni pero' gie ordnat minn John abazi ta' stima li qed esebixxa u li giet immarkata bhala dokument Z u karta li huma ghaddew lil bank li giet immarkata mill-qorti bhala dokument CSH li a bazi taghha il-bank tahom l-flus. Il-loan giet moghtija lis-socjeta' konvenuta. Fil-fatt ikkonferma li x-xoghol wasal u kien iffirma ghalih pero' cahad li qatt waqqafhom li jinstallawh.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2013 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din l-kawza s-socjeta' attrici qed titlob li tithallas minghand il-konvenuti jew min minnhom is-somma ta' hdax-il elf, hames mija u tlieta u erbghin ewro u wiehed u disghin centesmu (€11,543.91) rapprezentanti din is-somma bilanc fil-prezz dovut ghall-materjal u servizz ikkunsenjat, installat u rez lis-socjeta' konvenuta minnha fuq inkarigu taghha stess. Jidher pero' li minkejja li hadet dan is-servizz is-socjeta' konvenuta ma tridx thallas u dan mhux ghaliex is-servizz ma kienx tajjeb jew kien hemm xi problema dwar xi prezz, izda fuq il-premessa li s-socjeta' attrici ma nnegozjatx maghha izda ma' George Cauchi personalment. Il-konvenut John Cauchi min-naha l-ohra jeccepixxi li huwa mhux il-legittimu kontradittur ghaliex in-negozjati mas-socjeta' attrici saru min huh George Cauchi

ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Fil-fatt jghid ukoll li l-ammont pretiz semmai huwa dovut mis-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk isegwi li din il-Qorti ghandha tittratta dwar il-kwistjoni dwar min hu il-legittimu kontradittur f'din il-kawza jekk hux is-socjeta' kovenuta jew il-konvenut John Cauchi de proprio.

**Konsiderazzjonijiet legali.**

Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti',** jinghad li

"*b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:

*"Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha,*

*jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu,fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ‘**Camel Brand Co. Ltd vs Michael Debono**’, deciza fil-1 ta’ Marzu 2002 dwar l-istitut ta’ legittimu kontradittur fejn gie ritenut li:

*“Normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni.”*

Skond is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet ‘**Camel Brand Co. Ltd vs Michael Debono**’ inghad li:

*“Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabilita` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

L-osservazzjoni rikapitulata fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza '**Lawrence Formosa et noe vs Silvo Felice**', deciza nhar is-6 ta' Ottubru 1999 tipprovdi li:

*'Jispetta lil gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rappresentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero' wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju.'*

*Meta dan hu hekk il-kaz dak li ikkontratta f'ismu personali ma jistax susssegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f'isem haddiehor jew f'isem xi entita guridika separata.'* (**Joseph Chetcuti noe vs Peter Paul Camilleri,** Appell deciza 4 ta' Dicembru 1988).

Illi ghalhekk dak hu proprju l-ezami li ghandha taghmel din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-dokumenti kollha esebiti u jirrizulta li John Cauchi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta kien avvicina lis-socjeta' attrici sabiex jigu installati fil-fond Cote D'Azur, restorant gewwa Marsaskala proprjeta tas-socjeta' konvenuta CCTV, Fire Alarms, intruder alarms, times and attendence system u nurse call system. Clyde Cauchi sales representantive tas-socjeta' attrici jghid li kien ipprepara quotation ghas-socjeta' konvenuta dwar dan it-tghammir kif jirrizulta mid-dokument CC001. Jinghad li f'din l-isistema il-klijent huwa s-socjeta' konvenuta u mhux il-konvenut de proprio John Cauchi.

Jidher li John Cauchi kien iffirma din l-istima esebita a fol. 36 ta' l-atti ghan-nom tas-socjeta' konvenuta 'company

name tal-klijent Geomike Ltd, Cote D'Azur, 2, St Anthony Street, M'Scala'.

In segwitu jidher li s-socjeta' attrici bdiet bl-installazzjoni relattiva u anke bit-tghammir tal-post kif jirrizzulta mill-kopji tal-job card esebita fl-atti a fol 37 et seq immarkata bhala Dok CC002, mill-mainenance *check list* esebita fl-atti a fol. 38 immarkata bhala Dok CC003, mis-CCTV check list esebita a fol. 40, mit-time sheet esebita a fol. 43 immarkata bhala Dok CC004, Fire Detection System Check list esebita a fol. 45 ilkoll iffirmati minn John Cauchi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Jidher ukoll li kien hemm xi xoghol addizzjonali li sar f'dan l-istess fond proprjeta' tas-socjeta' konvenuta fejn l-addition giet iffirmata minn George Cauchi.

Illi mix-xhieda ta' Cedric Caruana li jahdem fis-sezzjoni tal-accounts tas-socjeta' attrici kkonferma li huma ghandhom jiehdu is-somma ta' hdax-il elf, hames mija u tlieta u erbghin ewro u wiehed u disghin centesmu (€11,543.91) wara li l-istess socjeta' konvenuta rrikonoxxiet id-debitu taghha u ghamlet part payment permezz ta' vouchers fl-ammont ta' elfejn, mitejn u wiehed u tmenin ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,281.92) kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok CC006. Jean Pierre Borg il-persuna teknika tas-socjeta' attrici kkonfermat li x-xoghol li sar mis-socjeta' rapprezentata minnu kien tajjeb u ta' kwalita' tajba u li qatt ma kien irceiva xi lmenti f'dan ir-rigward.

John Cauchi, il-konvenut jikkonferma li s-socjeta' konvenuta kienet qabdet is-socjeta' attrici ghal dan is-servizz kif fuq spjegat. Qal li jaf li kienet ghamlet xi deposit u xi hlas pero' ghad hemm xi kont pendenti. Jghid li dan ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta u mhux minnu personali ghaliex huwa dejjem hadem u agixxa ghan-nom u fl-interess ta' din l-istess socjeta' konvenuta. Qal li wara xi zmien huwa u huh kellhom xi jghidu u gie imkecci mir-restorant u ghalhekk ma jaf xejn aktar dwar din il-pendenza. Huwa ma jichadx li kien qed jiehu hsieb ir-renovations li kien ghaddejjin fir-restorant pero' dan kien qed isir ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

George Cauchi jghid li effettivament huh John kien qabad u mar minn rajh u nnegozja il-pakett mas-socjeta’ attrici bla ma kien infurmat u jghid li kien sorpriz meta s-socjeta’ attrici bdiet tigri wara is-socjeta’ konvenuta sabiex tithallas. Ghalkemm jghid li kien jaf li l-Bank kien awtorizza self sabiex isir dan ix-xoghol u kien hemm xi hlas li sar tramite il-bank ukoll. Dan fil-fatt gie wkoll konfermat minn Romuald Attard li xehed in rappresentanza tal-Bank of Valletta li kkonferma li l-Bank kien hareg bank draft fuq struzzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fl-ammont ta’ elfejn, mitejn u wiehed u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€2,281.82) lis-socjeta’ attrici. Ix-xhud George Cauchi jghid li din kienet id-deposit li s-socjeta’ konvenuta kienet ghamlet.

Illi ghalhekk in vista ts-suespost jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-ordni in kwistjoni li dwarha qed tintalab il-hlas saret mill-konvenut John Cauchi ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta u ghalhekk hija is-socjeta’ konvenuta li ghandha taghmel tajjeb ghal bilanc restanti mhux imhallas. Jidher li l-ammont per se mhux qed jigi kontestat u ghalhekk ghandu jithallas in toto.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li qieghda tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut kjamat in kawza John Cauchi li mhux il-legittimu kontradittur tas-socjeta’ attrici u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, qieghda wkoll tilqa’ it-talba attrici fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta billi tirrispingi l-eccezzjonijiet taghha u ghalhekk qieghda tordna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici dik is-somma pretiza minnha kif mitluba fir-rikors promotur fl-ammont ta’ hdax-il elf, hames mija u tlieta u erbghin ewro u wiehed u disghin centesmu (€11,543.91) u dan ghar-ragunijiet fuq premessi.**

**L-ispejjez tal-kawza kif mitluba fir-rikors promotur ghandhom jigu imhallsa kollha mis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------